


# Waqa' minn fuq il-Kampnar - Tmenin sena mill-ġrajja

*Karmenu Massa*

Il-kampnari tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, f'dan l-aħħar żmien, kienu qed jiġbdu l-attenzjoni għax kien qed isirilhom xogħol estensiv ta' restawr u konservazzjoni. Iżda tmenin sena ilu kienu ġibdu l-attenzjoni minħabba ġrajja traġika li seħħet minn fuq wieħed minnhom.

Kien is-Sibt is-26 ta' Settembru 1936, lejliet il-festa tal-konsagrazzjoni tal-knisja, li dak iż-żmien kienet għadha ssir fl-aħħar Ħadd ta' Settembru.

Kien sar il-ħin għall-għasar, u grupp ta' ġuvnotti minn dawk li kienu jkunu madwar il-knisja jgħinu lis-sagristan fl-armar, telgħu fuq il-kampnar biex idoqqu l-moti. Waqt li kienu hemm fuq daqqew il-qniepen, iżda ta' tfal li kienu



*Il-kampnar tan-naħa ta' nofsinhar*

xi naqra enerġija żejda kellhom. Ħin bla waqt, għal xi raġuni, wieħed minnhom, Ġużeppi Schembri ta' tlettax-il sena, waqa' minn fuq il-kampnar għal isfel. Il-kampnar kien tan-naħa tan-nofsinhar, dak li fih il-qampiena l-kbira. Dan il-ġuvnott ġie fit-triq li tagħti għall-Misraħ Brittaniku wara l-knisja, illum Misraħ ir-Repubblika. Il-kappillan ta' dak iż-żmien kien Dun Nikol Aquilina, li bilkemm kien ilu sena fil-parrokat tiegħu f'Ħal Tarxien.

Waħda minn tal-ewwel li rat lil dan il-ġuvnott mixħut mal-art kienet Katarin Bonavia. Ta' tifla ta' disa' snin li kienet, ħarġet tittawwal mid-dar għax kienet semgħet xi ħaġa. Kif ittawlet barra ħasbitu ħuha, u mbeżżgħa kif kienet daħlet tiġri lura fid-dar tfittex lil ħuha Salvu, li ħadet ir-ruħ meta sabitu fil-ġnien jiekol il-ful.

Dan seħħ għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar. Ġużeppi kien iben Karmenu, li kien miż-Żurrieq, u Marija Antonia li kienet Għawdxija mrobbija Malta iżda mhux f'Ħal Tarxien. Ġużeppi twieled fl-24 ta' Lulju 1923 u jumejn wara tgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Ismijiet oħra tal-magħmudija li kien ingħata kienu Franġisku u Ġovanni. Il-parini tiegħu kienu Paolo Bonello u martu Carola. Il-familja tiegħu kienu ġew joqogħdu Ħal Tarxien diversi snin qabel. Kellhom ħamest itfal. Ġużeppi kien imsemmi għal tifel ieħor li kellhlom u li kien miet tarbija. Id-dar li kienu jgħixu fiha hi 46, Vjal Simmons. Kellu tliet ħutu oħra ħajjin. Dawn kienu Manwel, Marija u Giovanni. Kienu familja li jħobbu l-festi kollha li jsiru f'Ħal Tarxien.

Fir-reġistru tal-imwiet tal-knisja parrokkjali nsibu li Ġużeppi kien miet wara li waqa' minn fuq il-kampnar tal-knisja parrokkjali. Laħaq ingħata l-griżma tal-morda u wara ta ruħu. Ikompli jsemmi li l-għada l-katavru tiegħu inġieb mill-isptar ġenerali tal-Furjana u ndifen fiċ-ċimiterju parrokkjali ta' Ħal Tarxien fil-qabar numru 11. Nota aktar 'l isfel tgħid li fl-24 ta' Settembru (hawn ma tissemmiex sena) ġie trasportat u ndifen f'qabar fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Fir-registri taċ-ċimiterju tal-Addolorata nsibu wkoll li Ġużeppi miet fil-ħamsa ta' filgħaxija. Iżda jgħid li miet fl-għassa tal-Pulizija ta' Ħal Tarxien. Hawn jingħad li miet bil-ġrieħi li sofra mill-waqgħa. Jingħad ukoll li ndifen fiċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien f'numru 11 u wara gie trasportat u ndifen fiċ-ċimiterju tal-Addolorata fl-24 ta' Settembru 1938 fl-4.15 ta' wara nofsinhar fil-qabar tal-familja in-naħa tal-Punent Sezzjoni 1A, kompartiment H, Numru 2.

**X'qalu l-gazzetti.**

It-Tnejn 28 ta' Settembru il-gazzetta "Il-Berqa" irrapurtat l-inċident bit-titlu "Diżgrazzja Kbira F'Ħal Tarxien". Ir-rapport jgħid li s-Sibt f'xi l-4.30 ta' wara nofsinhar, Ġużeppi Schembri ta' tlettax-il sena, bin Karmenu, waqa' minn fuq il-kampnar tal-Knisja ta' Ħal Tarxien, weġġa' sewwa u wara ftit miet. Tkompli li t-tfajjel Ġużeppi kien tela' biex idoqq il-qniepen ma' tfal oħra u wara li ndaqqet il-mota mar jittawwal u waqa'.

It-Tlieta 29 ta' Settembru 1936 il-gazzetta "Times of Malta" ukoll irrapurtat din il-ġrajja ta' qsim il-qalb. Bit-titlu "Fatal Fall from Belfrey" u sotto titlu kurjuż "Third Within 4 Years", il-gazzetta tgħid li għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħaxija s-Sibt ta' qabel,

*ikompli f'paġna 59*

waqt id-daqq tal-qniepen minn fuq il-kampnar, Ġużeppi Schembri ta' tlettax-il sena waqa' għal isfel għoli ta' 120 pied u miet kważi mill-ewwel. Il-gazzetta tkompli li Dr. Camilleri ġie Ħal Tarxien fis-7 ta' filgħaxija dakinhar stess biex jagħmel inkjesta fuq il-post. Waqt l-investigazzjoni dwar x'seta' ġara, Dr. Camilleri tela' fuq il-kampnar. Hemmhekk ikkonferma li ma kienx hemm il-balavostri. L-inkjesta mbagħad kellha tkompli wara l-bibien magħluqa għax il-kawża ta' dan l-inċident kienet qed tittieħed b'serjetà kbira. Hawn il-gazzetta tkompli li saret l-awtopsja l-Ħadd f'nofsinhar fl-isptar Ċentrali. Ġie stabbilit li t-tfajjel miet bi ksur fl-għadma tal-ġenbejn u trawma fil-moħħ.

Fid- 29 ta' Settembru wkoll, il-gazzetta "Leħen is-Sewwa" rrapurtat il-ġrajja bit-titlu "Jaqa' Minn Fuq il-Kampnar u Jmut". Tgħid li fl-4.30 ta' wara nofsinhar tas-Sibt ta' qabel, Ġużeppi Schembri ta'13 il-sena waqa' minn fuq il-kampnar tal-parroċċa ta' Ħal Tarxien u korra għall-mewt. Tkompli li t-tfajjel kien qed idoqq il-qniepen flimkien ma' tfal oħra u waqa aċċidentalment mill-kampnar.

Wieħed mit-tfal l-oħra li naf li kien ukoll fuq il-kampnar biex idoqq il-qniepen kien missieri, Speditu Massa li wkoll kellu tlettax-ilsena. Kien jgħid li l-balavostri tan-naħa tal-ġenb tal-kampnar kienu jiċċaqalqu u kienu qalgħuhom biex jirranġawhom. Jidher li Speditu u Ġużeppi kienu jafu lil xulxin sew għax kienu joqgħodu qrib xulxin. Ġużeppi kien joqgħod fi Vjal Simmons u Speditu fi Triq Betta, it-tnejn in-naħa ta' Triq Birżebbuġa. Meta kont tifel hu kien jirrakontali li darba kien waqa' tifel minn fuq il-kampnar u hu kien hemm ukoll. Kien jgħid illi kemm lilu u lis-sagristan ta' dak iż-żmien u xi oħrajn kienu ġabruhom l-għassa.

Marija, oħt Ġużeppi, kienet tirrakkonta li kienu qed jisimgħu il-qniepen idoqqu iżda mbagħad semgħuhom jieqfu f'daqqa waħda. Wara ftit ġie xi ħadd iħabbat id-dar u talab li missierha biex imur naqra miegħu. Wara ftit ġie lura d-dar miblugħ u qal lill-martu x'kien ġara u hi ħadita bi kbira ħafna. Il-familja ta' Ġużeppi wara din il-ġrajja ma damux wisq joqogħdu Ħal Tarxien. Il-missier, Karmenu, ma setax jiflaħ jisma' l-qniepen idoqqu għax kien mill-ewwel jiftakar f'ibnu. Il-familja biegħet id-dar u marru joqogħdu Birżebbuġa.



Il-Plakka li tfakkar din il-ġrajja

Din hi ġrajja ta' swied il-qalb imma ħsibt li nirrakontha, għax kif semmejt qabel, din is-sena hu t-80 anniversarju tagħha. Mal-ħajt ta' dar privata eżatt taħt il-kampnar tal-knisja nsibu lapida żgħira li tfakkar dan. Fiha l-kliem b'Malti taljanizzat li jgħid "GUSEPPE SCHEMBRI TA 13 IL-SENA WAKA MIN FUK IL KAMPNAR TAL CNIESIA 26-9-1936 R.I.P". Meta wieħed iħares lejn din il-lapida jkun tajjeb li jiftakar u jgħid talba żgħira għal ruħ dan it-tfajjel li kien qed jagħti sehem fil-parroċċa billi bid-daqq tal-qniepen iħabbar il-waqt tat-talb u tal-liturġija li ssir matul is-sena fil-parroċċa tagħna. Tajjeb ukoll li nkunu grati lejn dawk li matul ħafna snin ta' l-istorja tal-parroċċa tagħna u anke fi żmienna jagħtu xi sehem.

Ringrazzjament lis-Sinjura Marija Buhagiar, neputija ta' Ġużeppi u lil Katarin Bonavia.

*Ref. Uffiċju Parrokjali Ħal Tarxien. Ċimiterju Addolorata.*

*Bibljoteka Nazzjonali Valletta.*



Vella Group Ltd.

Trenching, Excavation &
Rock Cutting Machinery for Hire
Building Contractors, Property Developers

53, Carmelo Schembri Street, Mosta
Tel: 21 412701 / 21 437860 - Mob: 9949 2079
Fax: 21 433555 - E-mail: vellagroup@waldonet.net.mt